MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2003

Numru. 15/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech )**

**- vs -**

**Josephine Bonnet mart Joseph u bint Saviour Debono u Grace nee Sultana u li toqghod 'Saints Joseph Therese House', Triq Simirat, Ghajnsielem, Ghawdex.**
**(Karta ta' l-Identita` Nru 80144 G)**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputata akkuzata talli fit-8 ta' Novembru 2002 ghall-habta tat-3:10 a.m. fix-Xewkija, saqet il-vettura taghha bin-numru tar-registrazzjoni KAT 253 tat-Tip Toyota Corolla fi Triq La Vallette, Xewkija, kontra s-sinjal li juri li ma hemmx dhul

fiha u aktar talli fi Triq Santa Elizabetta, Xewkija, b'imprudenza, b'negligenza u b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti ta' traffiku habtet mal-vettura bin-numru tar-registrazzjoni JAX 735 tat-tip Polo u kkagunatilha hsarat konsiderevoli ghad-dannu ta' Christopher Theuma mix-Xaghra, kif ukoll hsarat f'tabella ta' 'Stop Sign' ghad-dannu tal-Kunsill Lokali, Xewkija, kif ukoll hsarat hfief f'cint tal-fond Nru 19, St. Elizabeth Street, Xewkija, ghad-dannu ta' Carmel Pace ta' l-istess indirizz.

Barra minn dan akkuzata wkoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kkagunat griehi hfief fuq it-tifla taghha Tabita Kristal u dan skond ma ccertifika Dr M Portelli M.D. ta' l-Isptar Generali t'Ghawdex.

Semghet il-provi;

Issib lill-imputata hatja ta' l-ewwel akkuza;

Ma ssibhiex hatja ta' l-akkuzi l-ohra u tilliberaha minnhom;

Rat l-artikoli Skeda II tal-Kap 65;

Tikkundannaha ghall-hlas ta' ammenda ta' ghoxrin lira Maltin (Lm20).

--------------------------------TMIEM--------------------------------